X'JIKTBULNA:

## "CHRISTIAN" HU "NISRANI"

117, Triq Ridolfo, Sliema.
15 ta' Ottubru, 1956

Sur Editur,

Għal darb'oħra s-Sur Ġużi Abela kitiblek fuq il-kwistjoni tal-Malapropismi, imqar jekk did-darba taħt ir-ras "Christian U Nisrani".

Mill-ittra (jew artikolu) tas-Sur Abela, irrid niskarta l-bran psewdo-teoloġiku li m'għandux x'jaqsam mal-kwistjoni lingwistika kif ukoll il-frażijiet oskuri fis-sens, bħal: "ma kienx jerġa' jibbaża l-argument tiegħu fuq akkuża tiegħi li għadu ma ċaħadhiex" (*sic*), u li ma jidhirx li fihom importanza fuq s-suġġett fil-kwistjoni, anzi donnhom biss tidwir mal-lewża, kif nużaw ngħidu għal min ikun irid jevita l-argument.

Is-Sur Abela qal li huwa qatt ma sama' jew qara li xi Protestant stqarr jew kiteb: "I am a Nisrani, but not a Catholic". Imqar jekk bi Protestant is-Sur Abela qiegħed jifhem biss xi baħri Ingliż, jiena ma nistax nara kif stranġier li ma jafx bil-Malti jista' joħroġ b'espressjoni bħal din. Ir-rimarka tas-Sur Abela hija gratuwita u x'konnessjoni għandha mas-suġġett tal-polemika ma nistax nifhem.

Bħalma ma nistax nifhem (xi tridni nagħmel jekk jien tant ħmar?) kif is-Sur Abela sata' jgħid li jiena sejjaħt 'il-Professur Wyld biex jiddefendini fil-kwistjoni. Fil-verità jiena *ikkwotajt* diversi awtoritajiet, fosthom lill-Professur Wyld u lil Dun Karm (li bil-Malti naħseb li jaf daqsi u daqs is-Sur Abela—almenu) u li huwa l-awtur tad-Dizzjunarju Ingliż u Malti. Bil-kitba tajba tagħhom dawn jikkorroboraw ċar it-teżi minni esposta.

Inżid il-lum li fid-Dizzjunarju ta' G B. Falzon (Malti ieħor) insibu t-tifsira ta' *Nisrani* bħala *cristiano, chi vive sotto la legge di Cristo, a Chrstian* u viċeversa *Cristiano* hija *a christian, believer, nisrani.* Fid-Dizzjunarju ta' V. Busuttil (ukoli Malti) *Nisrani* hi ekwivalenti għal *Christian; Catholic,* min-naħa l-oħra, hija *cattolicu, universali, ġenerali, jew ma cullimchien.* "A Simple Catholic Dictionary" tal-Catholic Truth Society, *Christian* iġibha bħal: *A follower of Christ* u *Catholic or Universal* bħala *A mark of the Church, because she subsists in all ages, teaches all nations, and is the one ark of salvation for all.*



Nista' nkompli nikkwota kotba għal paġni sħaħ imma s-Sur Abela qiegħed ifittex li jinjora konvenjentement l-argumenti tagħhom; u sadattant huwa baqa' ma sabx linja ta' awtur li taqbel miegħu fil-malli qiegħed isostni hu.

Anzi din id-darba sa nsemmilu wkoll xi jgħid il-Katekiżmu Malti: "Int Nisrani? Iva, jiena Nisrani għall-grazzja t'Alla". Issa l-Katekiżmu tal-Kardinal Gasparri nsibu fih l-istess mistoqsija u tweġiba hekk: "Sei tu cristiano? Sì, sono cristiano per grazia di Dio"; bl-Ingliż: "Are you a Christian? By the grace of God I am a Christian". Imbagħad: "Chi è cristiano? È cristiano chi ha ricevuto il Sacramento del Battesimo, che è come la porta della Chiesa di Gesù Crsto". L-istess it-traduzzjoni Ingliża: kull fejn hemm il-kelma *cristiano* nsibuha maqluba fi *Christian.*

Mela kull min hu mgħammed *huwa* Nisrani u għalhekk *Christian* (bħall-baħri Protestant) imma mhux neċessarjament Kattolku (*Catholic*). Aħna jew m'aħniex?

Jekk m'aħniex, ikolli ta' ħmar li jien nammetti mas-Sur Abela li mhux bilfors li kull min hu letterat jirraġuna.

Lis-Sur Abela, infatti, jiena ngħoddu b'letterat.

ALBERT M. CASSOLA.

---

*Nota ta' l-Editur*: B'din "Il-Malti" jagħlaq din il-polemika.